MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 334/2010/1

**Suzanne Rossi (ID No. 418164M) u Claudia Dalli (ID no. 207976M) li jiggestixxu d-ditta 'Modelle International' bhala organizzaturi tal-konkors 'Miss World – Malta'**

**vs**

**Diandra Agius**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Settembru, 2012 iddecidiet fil-kawza fl-ismijiet premessi kif gej:-

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikorsipprezentat mill-atturi nhar is-17 ta' Settembru 2010 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) penali imposti bhala danni pre-likwidati a tenur tal-kuntratt datat 16 ta' Dicembru 2009 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok A) u minnhom inkorsi stante illi hija giet eskluza mill-konkors Miss World – Malta 2009 peress illi hija naqset milli tattendi u tippartecipa ghall-attivitajiet li kellhom iwasslu ghal dan l-avveniment u konsegwentement naqset milli effettivament tippartecipa f'dan l-avveniment u dan a tenur ta' l-istess kuntratt hawn anness bhala Dok A, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-hlas effettiv kontra*

*l-konvenuta li hija ingunta in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-konvenuta kif prezentata fl-atti nhar il-25 ta' Novembru 2010 fejn eccepiet is-segwenti:-*

*1. "Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit li tieghu qed issir referenza fir-rikors tar-rikorrenti huwa null billi l-esponenti ma tafx taqra u b'dan l-atturi kienu gew infurmati.*

*3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit mhux minnu li l-esponenti giet eskluza mill-konkors imma kienet hi stess li infurmathom li kellha raguni valida sabiex ma tattendix ghall-konkors imsemmi.*

*Illi l-esponenti ghandha kundizzjoni prekarja ta' sahha u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Di piu' l-esponenti kienet giet infurmata wara li spjegat il-kaz*

*taghha li l-atturi ma kienux ser johdulha flus u dan billi kienet kaz socjali.*

*4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit l-esponenti ma gietx notifikata regolarment bid-dokument imsemmi u qed tirriserva eccezzjonijiet ulterjuri.*

*5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit fejn jirrigwardja lill-istess esponenti ma hemmx danni x'jigu likwidati u kkundannati favur min qed jaghmel it-talba. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess min qed jaghmel it-talba ghandhom igibu prova skond il-ligi.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjez kontra minn qed jaghmel it-talba."*

*Rat in-nota ta' l-atturi pprezentata fil-11 ta' Mejju 2012 li permezz taghha pprezentaw il-kuntratt ta' ftehim mal-konvenuta datat 16 ta' Dicembru 2009.*

*Rat in-nota tal-atturi prezentata fl-atti nhar il-21 ta' Gunju 2011 li permezz taghha huma pprezentaw zewg affidavits ta' l-attrici Suzanne Rossi u ta' Claudia Dalli.*

***Suzanne Rossi** fl-affidavit taghha tghid li hija flimkien ma' Claudia Dalli ta kull sena organizzaw kuntest ta' sbuhija 'Miss World Malta' u dan in-negozju imexxuh taht l-isem 'Modelle International.' Huma jhallsu l-licenzja lill-operatur Internazzjonali sabiex ikunu licenzjati halli juzaw l-isem ta' Miss World u fuq kollox sabiex huma jkunu jistghu jorganizzaw konkors ta' sbuhija f'pajjizna halli imbaghad it-tfajla rebbieha tkun tista' tippartecipa u tirraprezenta lil Malta fil-konkors Internazzjonali 'Miss World'.*

*Spjegat illi meta jtellghu il-konkors lokali jidhlu l-applikazzjonijiet minn tfajliet li jkunu jixtiequ jippartecipaw u huma jaghzlu hamsa u ghoxrin tfajla li fil-fehma taghhom jkunu eligibbli biex jikkompetu. Dawk kollha li jintghazlu jiffirmaw kuntratt maghhom liema kuntratt jkun jirregola l-partecipazzjoni taghhom bhala konkorrenti u jirrregola wkoll l-pozizzjoni tat-tfajla rebbieha tal-konkors. Il-konvenuta Diandra Agius iffirmat dan il-ftehim bhal kull partecipant iehor. Naturalment l-organizazzjoni talkonkors bhal dan jinvolvi hafna spejjez. Jipprovdu ukoll programm televiziv fuq stazzjon lokali. Dan huwa programm*

*mifrux fuq tnax-il gimgha bil-ghan li jippromwovu l-konkors. L-ispejjez jithallsu kollha mill-organizzaturi. Jintaghzlu wkoll stilisti tax-xahar, photographers, make-up artists u nies professjonali ohra fil-qasam tal-moda u s-sbuhija sabiex jiehdu hsieb il-kontestanti matul il-preparamenti ghas-serata finali u l-istess serata finali. Dawn l-ispejjez ukoll jbatuhom lorganizzaturi.*

*Kull kontestanta li tmur tapplika tinghata sett ta' regolamenti xi ssegwi sas-serata finali u dawn fil-parti l kbira taghhom huma riproduzzjoni tar-regolamenti uficcjali ta' 'Miss World Jersey Ltd' li tohrogilhom il-licenzja u li torganizza l-konkors internazzjonali 'Miss World'. Dawn ir-regolamenti jkunu jaghmlu parti mill-kuntratt li jrid jigi ffirmat minn kull kontestanta. Il-kuntratt jigi mfiehem ma' kull kontestanta individwalment, u l-kontestanta jkollha ukoll ic-cans li tiehdu maghha d-dar sabiex tarah fid-detall qabel ma tiffirmah. Il-kuntratt jerga' jigi spjegat fil-qosor fl-ewwel laqgha meta jiltaqghu il-kontestanti kollha.*

*Il-konvenuta Diandra Agius iffirmat dan il-kuntratt u attendiet ghal diversi laqghat ohra. Saritilha ukoll l-photo session u anke hadet nota tad-dati kollha sabiex tigi ghalfilming tal-programm. It-ritratt taghha kien gie anke pubblikat flimkien ma' dak tal-kontestanti l-ohra Miss World Malta magazine. Spjegat li t-tfajliet jigu maqsuma fi gruppi ta' hamsa sabiex jiehdu hsieb photo shoot fuq kreazzjoni b'idejat taghhom stess, kif ukoll jahsbu ghal xi haga li xtaqu jsajru kollha f'daqqa, u dan peress illi l-ewwel filmati kienu ser jsiru go villa li huma krew apposta ghalihom sabiex jiehdu xi footages ghal programm 'D search for Miss World Malta' li ssemma aktar 'l fuq.*

*Dakinhar li t-tfajliet iltaqghu fil-villa, il-konvenuta ma attendietx u dan bla ma avzat lil hadd. It-tfajliet tal-grupp taghha ippruvaw icemplulha u dan ghaliex kellhom bzonn anke l-affarijiet li hi kellha iggib maghha pero' hija baqghet ma wiegbet lil hadd, la lit-tfajliet l-ohra u lanqas lilhom l-organizzaturi. L-ghada filghodu meta shabha t-tfajliet iccekkjaw il-facebook, skoprew li l-konvenuta kienet ghamlet lejl barra u b'hekk kienu aktar urtati.*

*Biex zgur tkompli tikser ir-regolamenti li kellha imnizla fil-kuntratt li hi kienet iffirmat ghalih, il-konvenuta hadet sehem fi programm televiziv fl-istess zmien li suppost kienet qed tiehu sehem fil-Miss World Malta u dan minghajr ma kisbet il-kunsens tal-organizzaturi kif jistipula l-kuntratt. Dan il-programm kien jismu 'Singled Out' u jixxandar fuq One TV. Minn hemm 'il quddiem il-konvenuta ma attendietx aktar u lanqas ghas-serata finali. Huma pprovaw jaghmlu kuntatt maghha diversi drabi izda injorathom kompletament.*

***Claudia Dalli** fl-affidavit taghha kkonfermat dak kollu li qalet l-attrici Suzanne Rossi fl-affidavit taghha.*

***Il-konvenuta Diandra Agius** xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2011 u stqarret li hija ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena u marret l-iskola imsejha Maria Theresa Nunzio, il-Hamrun u ghamlet sas-sekondarja kollha. Dan nonostante tghid li ftit taf taqra u tikteb. Fuq Facebook tikteb, però kif taf hi. Murija id-dokument esebit fl-atti a fol 18 qalet li dan huwa kuntratt. Pero' ddikjarat illi ghalkemm l-ID card number fuq dan id-dokument huwa taghha, l-firma mhix taghha – l-ebda wahda ma taqbel. Qalet li kienet rat id-dokument f'okkazjoni ohra apparti dakinhar li telghet tixhed. Stqarret li ffirmat biss dak li hemm a fol 26. Qalet li hija marret biss ghal photo shoot wahda. Tenniet li kienu qalulha li kien ser ikun hemm magazine u kollox kien ser ikun b'xejn. Ikkonfermat li hija attendiet ghall-photo shoot peress li kienu qalulha li kollox kien ser jkun b'xejn.*

*Wara qalet li marret l-isptar u ma kellhiex mohh aktar ta' dan il-Miss World Contest. Kienet baghtet messagg u dan fuq il-mobile tal-attrici, però d-data llum il-gurnata nsietha. Tali messagg ma zammitux però l-messagg kien jghid illi ma kinitx ser tiehu sehem aktar u nfurmatha li kienet qieghda l-isptar. Jekk mhix sejra zball l-isptar dahlet fil-hmistax (15) ta' Marzu. Taf li kellu jkun hemm programm televiziv abbinat ma' dan il-konkors. Però hija ma lahqitx marret fil-villa fejn kellu jsir xi parti minn dan il-programm.*

*Ikkonfermat illi dik il-gimgha li kellhom il-laqgha dwar din l-attività hija kienet dahlet l-isptar. Xorta pero' kienet giet imqassma fi grupp ma' tfajliet ohrajn. Mistoqsija hekk*

*kinitx qalet lil shabha l-ohra bid-decizjoni taghha li ma tattendix, wiegbet li le, ikkonfermat biss li kienet baghtet messagg lill-attrici. Spjegat illi hija ma kellhiex kuntatt mat-tfajliet li kellhom ikunu maghha fil-villa u lanqas ma kienet tafhom. Hadd ma cemplilha biex jghidilha li kienu qed jistennew lilha.*

*Mhux minnu dak li qed jigi allegat lilha li ghamlet lejl kollu barra qabel ma kellha tmur f'din il-villa. Stqarret li bil-miktub m'ghandha xejn li effettivament juri li kienet ikkomunikat mal-attrici id-decizjoni taghha li ma kinitx ser tmur aktar, salv dak il-messagg li gja semmiet. Damet l-isptar jumejn, mis-Sibt sat-Tnejn. Il-messagg, però, baghtitu meta harget mill-isptar. Il-fatt li kienet l-isptar huwa dokumentat, però id-dokumentazzjoni ma kinitx fuqha dak inhar li xehdet. Kienet tatha lill-avukat precedenti taghha. Ma kinitx dahlet l-isptar b'appuntament. Obbligat ruhha li fis-seduta ta' wara kienet ser tesebixxi dokument li jindika li kienet l-isptar. Il-mobile number taghha huwa 99820278. Dak iz-zmien kienet bil-kuntratt.*

***Diandra Agius** xehdet ukoll nhar is-27 ta' Settembru 2011 fejn esebiet kopja ta' dokumenti li hemm fil-file taghha fl-isptar Mater Dei u qalet illi fit-8 ta' April 2010 kien sarilha ezami u sabu li kellha zewg gebliet fil-kidney tal-lemin ta' tliet millimetri. Hija sostniet li qabel hemm diversi entraturi fl-istorja medika taghha dwar il-problemi medici taghha. Dan id-dokument gie esebit mill-Qorti bhala Dokument Z.*

*In kontro-ezami fit-23 ta' Novembru 2011, **Diandra Agius** kompliet tixhed u kkonfermat li damet l-isptar tlett ijiem. Ikkonfermat li kienet baghtet message lil Suzanne Rossi fejn qaltilha li ma kienitx ser tkompli. Sussegwentament kienet tmur regolarment l-outpatient clinic u baqghet tghix hajja normali. Qalet li ma ghamlet xejn aktar sabiex thassar il-kuntratt li kienet iffirmat. Kienet baghtet dak il-messagg biss li ma kinetx ser tkompli. Il-messagg pero' m'ghadux ghandha.*

*Rat in-nota ta'* ***Diandra Agius*** *li biha pprezentat l-affidavit taghha fit-13 ta' Jannar 2012 fejn iddikjarat illi hija kienet immudellat ma' certu Ivan Gaffiero. Fuq Facebook kienet poggiet xi ritratti taghha ta' meta kienet immudellat mieghu. Hija timmagina li Suzanne Rossi kienet rat dawn ir-ritratti ghax kienet ikkuntatjata fuq Facebook stess. Il-konvenuta ma kinetx taf lil Rossi qabel din l-okkazjoni.Rossi kienet qaltilha biex tmur l-ufficcju taghha tas-Sliema u staqsietha jekk kinetx imhajra biex tiehu sehem bhala mudella maghha. Rossi bdiet tohrog numru ta' magazines u qaltilha li kienet ser tkun f'dawn il-magazines. Hija spjegat lill-konvenuta li kellhom xi photo shoots. Il-konvenuta stqarret li thajret. Rossi taghtha l-kuntratt biex tiffirmah. Il-konvenuta ma tafx taqra u ghalhekk fehmithulha l-attrici u wara ffirmatu. Dan kien fis-16 ta' Dicembru 2009. L-attrici kienet qaltilha li kien se jkun hemm numru ta' laqghat. Diandra Agius staqsietha jekk kienx ser isir b'xejn u dakinhar qaltilha iva.*

*Il-konvenuta iddikjarat li ftit wara bdiet tircievi xi karti jew xi messagg fuq il-mobile biex tmur dawn il-laqghat. Hija bdiet tmur u fil-fatt marret ghal tliet laqghet u marret photo shoot. Dawn il-laqghat saru wahda ghand Suzanne Rossi, u ohra f'The Palace Hotel, tas-Sliema. Il-photo shoot saret l-Embassy, il-Belt.*

*Wara dakinhar Rossi kienet tathom karta li kienet tghid li kellhom ihallsu kwazi tliet mitt Ewro (€300) biex jiehdu sehem. Il-konvenuta kienet kellmitha u qaltilha li kellha problema ta' flus ghaliex dak iz-zmien ma kinietx tahdem. L-attrici ppproponitilha li ssib sponsor. Agius sostniet li sponsor ma setghetx issib ghalkemm kienet fittxet hafna. Ghal habta ta' Mejju 2010 il-konvenuta kellha tidhol l-isptar. Hija kienet hierga mid-dar u hasset ugiegh f'genba. Hija kienet marret l-isptar Mater Dei u kien zammha hemmhekk ghall-osservazzjoni. Fil-fatt ghamlet tlett ijiem l-isptar. Kienu bezghu li kellha xi problema li minhabba fiha ma setax ikollha tfal. Din kienet inkwetata hafna lill-konvenuta u baqghet tmur ghall-visti li kienu jsiru kwazi darba fil-gimgha. Kull darba li kienet tmur kienu jehdulha d-demm. Fil-frattemp, it-tabib qalilha biex malli thoss l-istess ugiegh terga' tmur l-isptar mill-ewwel. Hija ddikjarat li f'dawn ic-cirkostanzi hija ma kelliex mohh timmudella. Hija kienet baghtet messagg fuq il-mobile lil Suzanne Rossi fejn qaltilha x'kien qed jigrilha u li allura ma setghetx tiehu sehem. Rossi ma rrisponditiex. Wara ftit Diandra Agius irceviet ittra minghand Suzanne Rossi u sussugwentament din il-kawza.*

*Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenuta li giet ipprezentata nhar it-2 ta' Lulju 2012 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-attrici Suzanne Rossi pprezentata nhar l-20 ta' Awwissu 2012.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-atturi qed isostnu li l-konvenuta m'onoratx l-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt iffirmat minnha Dok. A, u ghalhekk kienu qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-istess konvenuta thallas l-ammont imsemmi fil-kuntratt esebit minnhom fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000) bhala danni pre likwidati, a tenur tal-Artikolu 6 ta' l-istess kuntratt. Din il-klawsola tipprovdi is-segwenti:*

*"The Organizers reserve the right to exclude all participants who fail to adhere to the rules and regulations stipulated in Clause 5 supra or who in any way, by her declarations, conduct or demeanour in the run-up to the final night, brings the organizers, the title or the contest into disrepute. The Organizers' decision shall be final andbinding and the participant hereby expressly renounces to any right which she may have to contest the said decision in any court of law. In the event that the participant shall have no right to demand to be refunded with the sum paidby her by way of participation fee or to be reimbursed for any expenses which she may have incurred by way of herhaving applied to participate in the Miss World Malta for Miss World, 2010 contest. Furthermore, in the event that a participant is excluded from the contest prior to or during the final night of the contest by the Organizers for being in material breach of any of the conditions stipulated in thePreceding clause five (5) of this agreement, said participant shall be liable to pay the Organizers a penalty in the sum of six thousand Euros (€6000) which penalty is being imposed by way of pre liquidated damages and the participant hereby expressly renounces to any right which she may have at law to ask the court for the cancellation or abatement of the said penalty."*

*Issa l-**Artikolu 5** tal-kuntratt Dok A datat 16 ta' Dicembru 2009 (fol. 20) b'mod generali jipprovdi li :- "The participant shall be obliged to adhere to the*

*following rules and regulations in the period between her acceptance by the Organizers as a participant in the Miss World-Malta for Miss World 2010 contest and the final night of the said contest."*

*Waqt li s-sub inciz (a) jipprovdi li kull partecipanta "has to attend punctually all rehearsals, meetings and events which may be called by the Organizers". F'dan il-kaz l-atturi qed jallegaw li l-konvenuta kienet intrabtet bi ftehim maghhom u cioe' dak esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok A sabiex tiehu sehem f'kompetizzjoni bl-ghan li tigi maghzula sabiex tirraprezenta lil Malta f'konkors ta' sbuhija msejjah* ***Miss World Malta for Miss World*** *u dan taht dawk il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess ftehim fosthom illi hija ghandha tattendi fil-hin ghal kull 'rehersal, meeting or events which may be called by the organisers' skond l-klawsola numru (5) ghalkemm fil-proviso ta' din il-klawsola insibu li "should the participant be unable to attend an such meetings, rehersals or events due to exceptional and unforeseen circumstances, she is to give the organisers twenty four (24) hours notice in writing by means of a letter delivered by hand at Modelle International, Flat 3, Alexander Flats, Sacred Heart Avenue, St. Julians or an email sent to modelle@spikenet.net.m and the said participant is to give an explanation in writing for her failure to attend such meeting rehersal or event should she be required to do so by the organisers". Illi ghalhekk f'dawk ic-cirkostanzi meta l-konvenuta bhala l-partecipanta ma setghetx tattendi ghal xi laqgha jew attivita' hija kellha jew tinforma lis-socjeta' attrici bil-miktub almenu erbgha u ghoxrin (24) siegha qabel l-attivita' jew laqgha jew adirittura tibghat e-mail.*

*Illi naturalment fil-kuntratt il-konvenuta intrabtet b'numru ikbar ta' kundizzjonijiet pero' hija din il-klawsola li tikkoncerna lill-konvenuta f'dan il-kaz. Is-socjeta' attrici tallega fl-affidavit ta' Suzanne Rossi a fol. 28 li huma jispjegaw il-kuntratt lil kull partecipanta inkluz lill-konvenuta u jtuhom l-opportunita' li jiehdu l-kuntratt maghhom qabel ma jiffirmawh. Imbaghad fl-ewwel laqgha li jkollha l-kuntratt jerga' jigi spjegat lill-partecipanti fil-qosor. Tghid li l-konvenuta iffirmat dan il-kuntratt u attendiet ghal diversi laqghat, saritilha photo session u anke hadet nota tad-dati kollha sabiex tmur ghal filming tal-programm. Ir-ritratt taghha kien sahansitra anke gie pubblikat ma' dak tal-kontestanti kollha l-ohra fil-Miss World Magazine.*

*In segwitu tispjega illi t-tfajliet li gew maghzula kienu gew maqsuma fi gruppi biex jiehdu sehem f'photo shoot fuq krejazzjoni u b'idejat taghhom stess, kif ukoll jahsbu ghal xi haga li xtaqu jsajru kollha f'daqqa u dan peress illi l-ewwel filmati kienu ser isiru go villa li huma krew apposta ghalihom sabiex jiehdu footages ghall-programm 'D Search for Miss World Malta'. Dakinhar it-tfajliet iltaqghu gewwa villa u l-konvenuta ma attenditx u dan bla ma avzat lil hadd. It-tfajliet tal-grupp taghha ipprovaw icemplulha diversi drabi u dan ghaliex anke kellhom bzonn xi affarijiet li kellha tiehu maghha pero' baqghet ma marritx. L-ghada hija spjegat li shaba kienu ccekjaw il-facebook taghha u nnutaw li kienet ghamlet lejl barra u kien ghalhekk li ma marritx u kienu aktar urtati. Tghid ukoll li wara din il-laqgha ma attendiet ghall-ebda laqgha ohra u lanqas marret ghas-serata finali u dan minghajr avviz ta' xejn.*

*Il-konvenuta fix-xhieda taghha tghid li huwa minnu li marret biss ghal photo shoot wahda u xejn aktar. Qalet li dak iz-zmien hija kienet l-isptar u ma kellhiex mohh, pero' d-data ma setghetx tiftakarha. Mistoqsija jekk infurmatx lis-socjeta' attrici bil-bdil fil-hsieb taghha qalet li kienet baghtet sms pero' meta baghtet dan il-messagg ma tiftakarx u lanqas kopja tieghu ma zammet pero' qalet li jekk mhux sejra zball kienet infurmat lill-attrici li ma kienetx ser tmur aktar. Hija spjegat li l-isptar dahlet fil-15 ta' Marzu 2010. Ikkonfermat li verament kellha tiltaqa' ma xi tfajliet ohra f'villa u li ma marritx u stqarret li hija ma kellhiex kuntatt mat-tfajliet u ghalhekk ma qaltilhom xejn. Minn ezami tad-dokument mediku esebit minnha a fol 39 jirrizulta li l-konvenuta dahlet l-isptar nhar it-13 ta' Marzu 2010 ghall-habta tad-9.15 p.m. u giet invistata mit-tabib ghall-habta tal-10.00p.m. - damet hemm jumejn. Jidher ukoll li regghet dahlet l-isptar fis-27 ta' April 2010. Fl-affidavit taghha pero' kuntrarjament tghid li dahlet l-isptar f'Mejju 2010 u ma kellha mohh xejn.*

*Il-konvenuta fid-difiza taghha mhix qed tikkontesta l-fatt li hija ma onoratx l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt iffirmat minnha pero' ssostni li hija ma setghetx tonora l-obbligi taghha minhabba l-indiposizzjoni taghha u b'hekk issostni li kien hemm kaz ta' forza magguri u ghalhekk giet ezentata minn dawn l-obbligi. Il-konvenuta ticcita fin-nota taghha diversi sentenzi dwar l-istitut tal-forza magguri pero' din il-Qorti ssostni li sabiex tilqa' l-eccezzjoni tal-forza*

*magguri hemm bzonn illi fl-ewwel lok tali eccezzjoni tinghata fir-risposta tal-konvenuta u mhux permezz ta' nota ta' sottomissjoni u fit-tieni lok anke kieku inghatat tali eccezzjoni hemm bzonn illi l-avveniment jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja ta' pater bonus familias.*

*Illi f'dan il-kaz b'dispjacir il-Qorti tinnota li l-konvenuta ma pprovatx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li z-zmien li hija kienet l-isptar kien l-istess zmien li hija kellha l-laqghat li ma attenditx ghalihom. Il-konvenuta taqbel li ma attenditx pero' ma taghmel l-ebda referenza ghal dati. Din il-Qorti setghet tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta una volta gie pruvat li hija dahlet l-isptar b'emergenza jew proprju lejliet xi avveniment u ghalhekk ma kienitx f'qaghda li tikkomunika ma' l-attrici la b'email u lanqas permezz ta' ittra postata kif del resto jirrikjedi l-istess kuntratt. L-uniku haga li jirrizulta hu li l-konvenuta ma kienetx akkanita li tkompli bil-konkors li dahlet ghalih u kienet qed tifittex skuza sabiex tinhall mill-kuntratt.*

*Illi l-kuntratt esebit jipprovdi ghal dawk l-eventwalitajiet fejn partecipanti ma jridux ikomplu jattendu ghal xi laqghat fejn jobbliga lill-partecipanta li tinfurmaha b'tali decizjoni li mhix ser tattendi almenu erbgha u ghoxrin (24) siegha qabel l-istess avveniment gja miftiehem. Ghalhekk din mhix xi kwistjoni ta' forza magguri kif donnha allegat il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ghaliex ma giex provat li l-attivita' sehhet matul iz-zmien li l-konvenuta kienet l-isptar jew addirittura li kienet f'xi impossibilita' assoluta li ssegwi d-direttivi ta' l-istess kuntratt f'nuqqas ta' attendenza.*

***Kunsiderazzjonijiet legali.***

*Illi huwa ben not illi ftehim bejn il-partijiet jorbot lill-istess partijiet sakemm ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-ligi f'dak il-ftehim. Dan huwa dak li hu maghruf bhala pacta sunt servanda. Kif inghad, huwa ta' importanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti "li l- principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha*

*tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda" (ara A.C. datat 5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines**" u "**General Cleaners Company Limited vs Accountant General**" – P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).*

*Principju iehor generali li japplika ghall-interpretazzjoni ta' kuntratti huwa dak kontenut fl-**Artikolu 993 tal-Kap. 16** fejn il-ligi tesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fede u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi. Infatti fis-sentenza moghtija nhar il-15 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet '**Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe'** inghad ukoll li "Il-Qorti (dik ta' l-Appell Superjuri) tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta' ekwita' kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b'agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda ukoll b'dak il-komportament li jkun ghal kollox sproporzjonat u li ma jkunx accettabli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta' u tallogika guridika."*

*L-**Artikolu 992(1) tal-Kap. 16** jipprovdi li "Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom is-sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom." u s-sub inciz (2) ikompli: "Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mil-ligi."*

*M'hemmx dubju li l-iskop kollu ta' kuntratt huwa biex il-partijiet ikunu jafu fejn qeghdin f'dak li huma drittijiet w obbligi taghhom. M'hemm xejn hazin illi l-partijiet jiftehmu, minn qabel x'ghandhom ikunu d-danni f'kaz ta' xi nuqqas, u fil-fatt, kemm-il darba f'kuntratti ta' certa importanza ssib klawsola li tillikwida minn qabel id-danni f'kaz ta' dewmien jew ksur tal-kuntratt, u dawn jigu onorati mill-Qrati. Hafna drabi din tiehu l-forma ta' penali, li meta tkun hekk kontrattata tirraprezenta kumpens ghad-danni minhabba non-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*

***L-Artikolu 1138 tal-Kodici Civili**, fil-fatt, espressament jippermetti ftehim simili, meta jghid "Meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu*

*ghandha thallas somma determinata bhala danni, ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar".*

*Issa l-penali stabbilita bejn il-partijiet hija, bhala regola meqjusa bhala klawsola li tirrapprezenta d-danni preventivament likwidati minhabba non ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni vide '**Antonio Tabone noe vs Negoziante Joseph Tabone'** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar l-24 ta' Novembru 1950. l-Awtur famuz Taljan Ricci fil-ktieb tieghu **Corso Teorico Pratico di Diritto Civile** Vol. V1 p 245 jispjega illi klawsola penali hija ntiza bhala "un obbligazione accessoria avente il duplice scopo di assicurare l'adempimento dell'obbligazione principale e di stabbilire l'identita' dovuta nel caso di non adempimento della medesima."*

***L-Artikolu 1118 tal-Kap16** jipprovdi li "Il-klawsola penali hija dik li biha wiehed sabiex jizgura l-ezekuzzjoni ta' ftehim jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jezegwieh" u is-sub inciz (1) jipprovdi "il-penali hija kumpens tal-hsara li jbaghti il-kreditur minhabba in-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni principali."*

*Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li fil-kuntratt miftiehem bejn il-partijiet kien hemm penali dovuta lill-atturi f'kaz ta' nuqqas ta' adempjenza da parti tal-konvenuta. Il-konvenuta hija obbligata bil-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-kuntratt*

*Dok A, inkluz dik tal-penali.*

***Jirrizulta li kienet il-konvenuta li kisret il-kuntratt u ghalhekk illum il-penali hija kollha dovuta, w ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tilqa' t-talba tal-atturi b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma msemmija fir-rikors promotur, rappresentanti penali fis-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000).***

***L-ispejjez ta' din il-kawza w l-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern, jithallsu mill-konvenuta."***

**Rat** li l-konvenuta Diandra Agius hassitha aggravata bl-imsemija senteza u ghalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors ta' appell tal-appellanti Diandra Agius fejn gie premess:-

Illi l-atturi kienu ipprezentaw rikors fis-17 ta' Settembru 2010 fejn talbu lil Qroti tal-Magistrati tikkundanna lill-esponent thallas is-somma ta' sitt elef Ewro penali bhala danni pre-likwidati a tenur ta kuntratt datat 16 ta' Dicembru 2009. Illi l-atturi kkontendu dan peress li l-esponenti naqset milli tippartecipa f'dan l-avveniment.

Illi l-atturi talbu ukoll l-ispejjez kollha u imghax legali sa mid-data tar-rikors promotur.

Illi l-esponenti pprezentat risposta fil-25 ta' Novembru 2010 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. *"Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

2. *Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-su eccepit li tieghu qed issir referenza fir-rikors tar-rikorrenti huwa null billi l-esponenti ma tafx taqra u b'dan l-atturi kienu gew infurmati.*

3. *Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas su eccepit mhux minnu li l-esponenti giet eskluza mill-konkors imma kienet hi stess li infurmathom li kellha raguni valida sabiex ma tattendix ghall-konkors imsemmi. Illi l-esponenti ghandha kundizzjoni prekarja ta' sahha u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Di piu' l-esponenti kienet giet infurmata wara li spjegat il-kaz taghha li l-atturi ma kienux ser johdulha flus u dan billi kienet kaz socjali.*

4. *Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit l-esponenti ma gietx notifikata regolarment bid-dokument imsemmi u qed tirriserva eccezzjonijiet ulterjuri.*

> *5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghas su eccepit fejn jirrigwardja lill-istess esponenti ma hemmx danni x'jigu likwidati u kkundannati favur min qed jaghmel it-talba. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess min qed jaghmel it-talba ghandhom igibu prova skond il-ligi.*
>
> *6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjez kontra minn qed jaghmel it-talba."*

Illi b'sentenza tad-19 ta' Settembru 2012 il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tall-esponenti u laqghat t-talba tal-atturi u kkundannat lill-esponenti thallas lill-atturi is-somma msemmija fir-rikors promotur, rappresentanti penali fis-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) bl-ispejjez u l-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur kontra l-esponenti.

Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u qeighda tinterponi umli appell.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi r-raguni principali li wasslet lill-ewwel Qorti biex tichad l-eccezzjoni ewlenija ta' l-appellanti u cioe di ta' *forza maggura*, kienet illi din ma gietx sollevata formalment fir-risposta taghha.

Illi pero meta wiehed jezamina l-eccezzjonijiet moghtija fir-risposta ta' l-appellanti wiehed jirrealizza illi l-*forza maggura* minhabba ragunijiet medici hija implicita fit-tielet eccezzjoni moghtija. Fil-fatt fit-tielet eccezzjoni nsibu s-segwenti:

> *3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas su eccepit mhux minnu li l-esponenti giet eskluza mill-konkors imma kienet hi stess li infurmathom li kellha <u>raguni valida</u> sabiex ma tattendix ghall-konkors imsemmi. Illi l-esponenti ghandha <u>kundizzjoni prekarja ta' sahha</u> u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Di piu' l-esponenti kienet giet infurmata wara li spjegat il-kaz taghha li l-atturi ma kienux ser johdulha flus u dan billi kienet kaz socjali. (enfasi mizjud).*

Illi ghalkemm din l-eccezzjoni setghat tigi spjegata ahjar pero fis-sustanza taghha din l-eccezzjoni hija illi l-appellanti minhabba ragunijiet ta' sahha ma setghatx taderixxi ruhha ma' l-obbligazzjonijiet skont il-kuntratt in kwistjoni - fi kliem iehor il-*forza maggura.*

Illi fit-tieni lok l-ewwel Qorti kkummentat ukoll illi l-konvenuta ma rnexxilhiex tikkonvinci lill-Qorti illi hija verament ma setghatx tkompli timmudella minhabba ragunijiet ta' sahha. Enfasizzat ukoll il-fatt illi l-konvenuta kien missha infurmat lill-attrici b'dan l-istat ta' fatt. Enfasizzat ukoll illi ma rnexxilhiex tipprova illi hija giet rikoverata l-isptar b'emergenza lejliet xi avveniment.

Illi pero l-appellanti tissottometti illi bid-dovut rispett dan ir-ragunament kien ikun korrett li kieku l-appellanti dahlet l-isptar ghall-kura, giet ikkurata fi zmien ftit granet u regghat harget qisu qatt ma kien xejn. Irrizulta pero illi dan ma kienx il-kaz. Dan kien epsodju li skonvolga lill-appellanti b'mod staraordinarju. Fil-fatt l-appellanti ghamlet zmien imbezza' illi ser titlef il-fertilita' taghha u fil-fatt baqghat tmur l-isptar ghal 'follow ups'. Ghalhekk wiehed irid jikkonsidra mhux biss il-perjodu meta hija kienet rikoverata l-isptar pero l-perjodu kollu meta kienet konvalexxenti liema perjodu zgur jikkoincida mal-perjodu ta' zmien meta kienu qed isiru il-'photo shoots'. Huwa minnu illi l-appellanti ma avzatx lill-attrici bil-miktub jew permezz ta' e-mail kif kienet obbligata taghmel skont il-kuntratt. Pero l-esponenti targumenta illi anke kieku ghamlet hekk, ghall-grazzja ta' l-argument, xorta wahda kienet tkun naqset mill-obbligi taghha ghaliex ma tkunx attendiet ghall-photo shoots. Wara kollox it-talba attrici fir-rikors promotur hija bbazata fuq il-fatt illi l-konvenuta ma attendiet ghall-attavitajiet u mhux ghax ma avzatx lill-attrici li mhix ser tattendi. Ghalhekk fi kliem iehor in-nuqqas taghha li tinforma lill-attrici bil-miktub jew e-mail huwa nuqqas zghir fejn in-nuqqas allegat li hija qabdet u ma ppartecipatx iktar. Irid jigi enfasizzat pero illi hija fil-fatt avzat lill-attrici permezz ta' sms - li sussegwentement hassritu.

Illi f'dan il-kuntest ssir referenza a skanz ta' repetitizzjoni ghan-nota ta' sottomissjonijiet ippresentata quddiem l-ewwel Qorti fejn l-esponenti

ssottomettiet illi dak li hu mistenni f'kaz ta' forza maggura huwa d-diligenza ta' *bonus pater familias* u mhux iktar minn hekk.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha appellanti qed titlob li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appelalnti tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-atturi appellati Suzanne Rossi u Claudia Dalli li jiggestixxu d-ditta 'Modelle International' bhala organizzaturi tal-konkors 'Miss World – Malta' fejn gie sottomess:-

1. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fil-kawza odjerna fid-19 ta' Settembru, 2012 hija wahda gusta u timmerita konferma u l-appell interpost mill-intimata appellant huwa wiehed frivolu u vessatorju u ghandu jigi michud bis-sanzjoni tad-*doppie spese*.

2. Illi bazikament l-aggravju li qed tressaq huwa wiehed – illi l-Ewwel Qorti ma laqghetx id-difiza tal-forza magguri. Dan huwa l-uniku aggravju li qed jitressaq f'dan l-appell. Dan il-fatt wahdu juri bic-car kemm l-appell interpost mill-intimata appellant huwa wiehed frivolu u vessatorju meta tqis illi din id-difiza tal-forza magguri lanqas biss kienet giet sollevata mill-intimata appellant fir-risposta ossija Nota ta' Eccezzjonijiet taghha ghar-rikors promotur, izda faqset biss fl-istadju inoltrat tal-kawza meta l-provi taz-zewg partijiet kienu diga maghluqa u cioe' fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-istess intimate appellant. Ghal dan ir-rikorrenti appellata kienet laqghet debitament fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva taghha u ghamlet riferenza ampja ghall-gurisprudenza tal-qrati taghha fis-sens illi mhuwiex permissibbli illi eccezzjonijiet bhal dawn ifaqqsu minghajr ma jkunu gew dedotti formalment fin-nota ta' eccezzjonijiet u di piu' meta l-istadju tal-gbir tal-prova kollha jkun gie konkluz. Din it-tezi gustament giet abbraccjata wkoll mill-Ewwel Qorti fis-sentenza minnha moghtija.

3. Illi f'dan ir-rigward – a skans ta' ripetizzjonijiet inutili – l-attrici appellata taghmel riferenza estensiva ghan-nota ta' sottomissjonijiet responsiva taghha u ghall-gurisprudenza minnha citata fis-sens illi eccezzjoni trid tigi dedotta fir-Risposta u mhux tfaqqas fl-ahhar tal-kawza fin-nota ta' sottomissjonijiet.

4. Illi fir-rikors tal-appell minnha pprezentat il-konvenuta appellanti tintenta targumenta illi effettivament din id-difiza kienet giet dedotta fir-risposta taghha u senjatament fil-paragrafu numru 3 fejn tenniet illi hija kellha 'raguni valida' biex ma tonorox l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha. Pero' huwa bil-wisq car u manifest illi d-difiza tal-'forza magguri' u dik illi kontraent ikollu 'raguni valida' biex ma jonorx l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu huma ben distinti minn xulxin u dan l-argument mhu xejn ghajr forzatura da parti tal-konvenuta appellanti li pero huwa legalment insostenibbli.

5. Illui l-parti krucjali tad-difiza moghtija mill-Ewwel Qorti hija din: *"Il-konvenuta fid-difiza taghha mhix qed tikkontesta l-fatt li hija ma onoratx l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt iffirmat minnha pero' ssostni li hija ma setghetx tonora l-obbligi taghha minhabba l-indiposizzjoni taghha u b'hekk issostni li kien hemm kaz ta' forza magguri u ghalhekk giet ezentata minn dawn l-obbligi. Il-konvenuta ticcita fin-nota taghha diversi sentenzi dwar l-istitut tal-forza magguri pero' din il-Qorti ssostni li sabiex tilqa' l-eccezzjoni tal-forza magguri hemm bzonn illi fl-ewwel lok tali eccezzjoni tinghata fir-risposta tal-konvenuta u mhux permezz ta' nota ta' sottomissjoni u fit-tieni lok anke kieku inghatat tali eccezzjoni hemm bzonn illi l-avveniment jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja ta' pater bonus familias."*

6. Illi fir-rikors tal-appell minnha pprezentat imbaghad il-konvenuta appellant tghaddi biex tikkritika l-valutazzjoni tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti li tenniet li ma kinitx giet konvinta b'dak li bdiet tallega l-konvenuta appellant fis-sens li hija ma setghetx tonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha minhabba ragunijiet ta' sahha.

7. Illi apparti mill-argument diga dedott illi din id-difiza tal-forza magguri kellha tigi skarata ghaliex ma gietx imqajma fir-Risposta izda biss fin-nota ta' sottomissjonijiet wara li kienu nghalqu l-provi kollha, japplika wkoll l-argument illi huwa principju pacifiku illi l-qorti tat-tieni istanza m'ghandhiex tirrovexxja l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet qorti tal-ewwel grad illi tkun semghet il-provi kollha quddiemha sakemm ma tkunx saret ingustizzja manifesta bl-apprezzament u valutazzjoni tal-fatti maghmula mill-qorti tal-ewwel grad.

8. Illi f'dan ir-rigward l-attrici appellate taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Grech Sant noe –vs- L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et noe" (deciza fit-28 ta' Frar, 1997) fejn gie enuncjat kif gej – *"il-Qorti ta' revizjoni m'ghandhiex – bla raguni gravi u impellenti – tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti"*. Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija

minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Agius –vs- John Agius" deciza fit-2 ta' Dicembru, 1994 fis-sens illi "*gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi ikkreata ingustizzja*". Fil-kawza odjerna certament li ma tezisti ebda raguni ghaliex l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti ghandu jigi disturbat. Is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija wahda dettaljata, cara u ben motivata u l-apprezzament tal-fatti minnha maghmul huwa wiehed korrett u ineccepibbli.

9. Illi oltra ghal dan kollu anke kieku wiehed kellu ghall-mument iwarrab fil-gemb l-argumenti kollha mressaq s'issa f'din ir-risposta tal-appell u jghaddi biex janalizza jekk verament kienx hemm cirkostanzi li jammontaw ghall-forza magguri tali li tiggustifika l-inadempjenza da parti tal-konvenuta appellant, wiehed isib ukoll illi t-tezi tal-konvenuta appellant assolutament ma treggix.

10. Illi r-rikors tal-appell huwa attentant imqanzah hafna biex jipprova jpingi lill-konvenuta appellant bhala miskina li ma setghetx tkompli tiehu sehem fil-konkors u tonora l-obbligazzjonijiet taghha minhabba ragunijiet ta' sahha, pero dan assolutament mhu minnu xejn. Ghalkemm huwa minnu li kienet dahlet l-isptar ghal jumejn dan l-avveniment ma kienx jikkoncidi maz-zmien meta hija qabdet u ma marritx ghal attivita' tal-konkors – u dan ghaliex jirrizulta illi qattghet il-lejl kollu barra tixxala. Jirrizulta wkoll li fl-istess zmien li qed tghid li ma kellhiex mohh tkompli tiehu sehem fil-konkors pero kellha mohh tiehu sehem fuq programm taz-zghazagh fuq it-TV jismu 'Singled Out'. Mill-fatti tal-kawza johrog mill-izjed car illi din tal-forza magguri minhabba ragunijiet ta' sahha mhi xejn ghajr skuza fjakka biex il-konvenuta appellanti tipprova tiggustifika l-agir taghha meta fir-realta' hija injorat ghal kollox l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha daqs li kieku ma kinux jezistu u ppretendiet illi tircievi l-hniena u l-indulgenza tal-Qorti meta zgur li hija ma aggixxietx bhala *bonus pater familias* kif trid il-ligi biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri.

Ghal dawn il-motivi l-appellati jissottomettu li l-appell interpost mill-appellanti ghandu jigi sommarjament respint.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell, kif ukoll l-atti kif kompilati quddiem l-Ewwel Qorti cioe' l-Qorti tal-Magistrati (Malta),

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali td-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**.

Dan hu appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi li nghatat fid-19 ta' Settembru, 2012. Permezz ta' dik is-sentenza, l-appellanti ġiet ikkundanata tħallas lill-appellati s-somma ta' sitt elef Ewro penali bhala danni pre-likwidati a tenur ta kuntratt datat 16 ta' Dicembru 2009.

L-uniku aggravju tal-appellanti hu li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni rigwardanti l-forza maġġuri peress li rriteniet li tali eccezzjoni ma gietx sollevata formalment fir-risposta jew fin-nota tal-eccezzjonijiet. Ovvjament l-appellanti tikkontesta din id-decizjoni u tissottometti li l-eccezzjoni tal-forza magguri hi implicita fit-tielet eccezzjoni formalment sottomessa. F'dan ir-rigward, skond l-appellanti, s-sustanza ta' din l-eccezzjoni hi li minhabba ragunijiet ta' sahha ma setghatx taderixxi pjenament mal-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-kuntratt relattiv li ffirmat ma l-appellati.

L-appellanti tkompli tissottometti li l-episodju tal-forza magguri skonvolġielha hajjitha u bhala konsegwenza ghamlet zmien imbezza' li ser titlef il-fertilita' taghha. L-appellanti, pero', tammetti li l-perjodu ta' kemm damet rikoverata l-isptar ma jikkonċidix ma meta saret l-attivita' li ma attenditx u cioe' l-p*hoto shoot*, izda dan kien jikkoincidi mal-perjodu ta' konvalaxxenza. L-appellanti tikkoncedi ukoll li naqset milli tinforma lill-atturi bil-miktub jew perrmezz ta' e-mail li ma kenitx ser tattendi ghall-*photo shoot*, u dan kif kienet obbligata li

tagħmel bil-kuntratt iffirmat bejnha u l-atturi. L-appellanti, pero', ssostni li avzat b'*sms*. Dan l-allegat fatt ma jirrizultax sufficjentement.

L-appellati jargumentaw li l-eccezzjoni in kwestjoni cioe' dik tal-forza magguri ma tistax titqies li hi inkluza fl-eccezzjonijiet sottomessi mill-appellanti b'mod formali. L-appellati jkomplu jsostnu li sabiex l-eccezzjoni tal-forza magguri tista tigi akkolta hu necessarju li tkun giet sollevata formalment u mhux fin-nota ta' sottomissjoni. Inoltre hu ukoll necessarju li jigi ppruvat li l-allegata forza magguri kienet inevitabbli cioe' ma setghetx tigi evitata bid-diligenza ordinarja ta' *pater bonus familias*.

L-appellati jaghmlu referenza ghall-principju li qorti tat-tieni istanza m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-ewwel qorti, li fil-fatt tkun semghet il-provi kif prodotti quddiemha u dan sakemm ma jirrizultax li saret ingustizzja manifesta bl-apprezzament u valutazzjoni tal-fatti maghmula mill-qorti tal-ewwel grad.

Is-segwenti huma l-fatti rilevanti ghall-finijiet tal-presenti sentenza. Jirrizulta li l-appellanti kienet obbligat ruhha versu l-appellati permezz ta' kuntratt ta' *Modelling*. Jirrizulta li l-appellanti mardet fil-hin li l-imsemmi kuntratt kien fis-sehh u kellha bżonn tiġi rikoverata l-isptar għal jumejn. Meta waslet il-gurnata tal-*photo shoot*, l-appellanti tikkontendi li, minhabba l-istat prekarju ta' sahhitha ma setghatx tmur ghall-imsemmi avveniment cioe' il-*photo shoot* u fil-fatt hija ma attendietx.

F'dan l-istadju ser jigi ezaminat jekk id-difiża tal-forza maġġuri fir-rigward ta' ksur ta' obbligazzjonijiet kontrattwali hijiex inkluza fit-tielet eccezzjoni tal-appellanti. Mill-ewwel ghandu jigi dikjarat li ma jirrizultax sufficjentement dak li qed issostni l-appellanti.

It-tielet eċċezzjoni in kwestjoni tghid – "*Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas su eccepit mhux minnu li l-esponenti giet eskluza mill-konkors imma kienet hi stess li infurmathom li kellha raguni valida sabiex ma tattendix ghall-konkors imsemmi. Illi l-esponenti ghandha kundizzjoni prekarja ta' sahha u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza………*"
Jekk l-eccezzjoni tal-forza magguri ma tigix sottomessa formalment u b'mod inekwivoku fin-nota tal-eccezzjonijiet quddiem il-Qorti ta' prim'istanza, ma jistax jigi lamentat fi stadju tal-appell li l-eccezzjoni in kwestjoni giet injorata mill-Ewwel Qorti. L-eccezzjoni tal-forza maġġuri kellha titqajjem formalment fl-ewwel istanza fin-nota tal-eċċezzjonijiet. Kwindi din il-Qorti m'ghandiex tikkonsidra dan l-ilment tal-appellanti. Inoltre hu pacifiku li l-Ewwel Qorti ghandha biss tikkonsidra dawk l-eccezzjonijiet li jkunu gew sollevati fin-nota

tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta u mhux li jigu sottomessi fin-nota ta’ osservazzjonijiet finali jew fil-kors tat-trattazzjoni orali. Il-parti l-ohra, cioe’ l-atturi, ghandha tkun sgura dwar liema eccezzzjonijiet gew sottomessi mill-konvenuta u dan ukoll sabiex tkun tista tiddefendi ruhha minn dak li qed jigi pretiz mill-konvenuta.

Kif gia’ rilevat ma jirriżultax li l-eccezzjoni tal-forza magguri hi inkluza fit-tielet eccezzjoni kif sollevata mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-imsemmija eccezzjoni l-appellanti llimitat ruhha li teccepixxi, fost sottomissjonijiet oħra, li effettivament m’ghandhomx x’jaqsmu mad-difiza tal-forza magguri, li kienet qed issofri minn kondizzjoni medika tant li s-sahha taggha kienet fi stat prekarju. Minn din it-tielet eċċezzjoni ma jistax jigi inferit jew desunt li l-appellanti ssollevat quddiem l-Ewwel Qorti il-linja difensiva tal-forza maġġuri biex tiggustifika l-inadempjenza kuntrattwali tagħha. L-appellanti missa qajmet l-eccezzjoni b’mod formali u b’mod ċar u li ma jħalli ebda lok għal dubbju, xi ħaġa li naqqset milli tagħmel. Fl-eccezzjoni in kwestjoni l-allegat stat ta’ sahha prekarju hu iktar marbut ma l-avveniment in kwestjoni milli man-nuqqas ta’ aderenza mal-kuntratt. Kwindi ma jistax jigi akkolt l-ewwel aggravju tal-appellanti.

Inoltre l-artikolu 158 tal-Kodici tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li l-eccezzjonijiet kollha, kemm dawk procedurali kif ukoll dawk fil-meritu, ghandhom jinghataw mill-ewwel fin-nota tal-eccezzjonijiet. Fil-kawża odjerna d-difiza tal-forza maġġuri ma ingħatatx bħala eċċezzjoni mill-konvenuta appellanti fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha u ghalhekk zgur li dan l-aggravju mhux gustifikat.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti Diandra Agius filwaqt li tikkonferma “in toto” is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Settembru, 2012 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Spejjez tal-appell jithallsu kollha mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------